TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal tal-Konsumatur

**Triana Bonanno**

**Vs**

**Solar Engineering Limited**

CCT 156/24/CC

Illum 1 ta' April, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fil-21 ta' Lulju 2024, fejn talbet rifuzjoni ta' l-ammont ta' mitejn u sebghin ewro (€270) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal sistema ta' reverse osmosis, mixtrija minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn it-talba avvanzata mill-attrici giet kkontestata ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Sema' l-attrici Trianna Bonanno, Axel Azzopardi Arena kif ukoll lil Anthony Paul Saliba in rapprezentanza tas-socjeta intimata jixhdu bil-gurament. Ha konjizzjoni ta' l-affidavits ta' Anthony Paul Saliba in rapprezentanza tas-socjeta intimata, kif ukoll ta' Darren Bezzina.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attrici u mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Gunju 2023 l-attrici, waqt fiera xtrat sistema ta' reverse osmosis minghand is-socjeta intimata. L-installazzjoni tas-sistema tar-reverse osmosis saret diversi xhur wara, u cioe' f'Marzu 2024, u dan peress li meta thallas id-depozitu f'Gunju 2023, l-appartament ta' l-attrici kien qghadu taht kostruzzjoni.

Illi jirrizulta li in segwitu ghal installazzjoni tas-sistema tar-reverse osmosis, l-attrici rriskontrat diversi diffikultajiet fosthom fil-pressa ta' l-ilma, u anke fil-kwalita ta' l-iffiltrar ta' l-ilma.

Illi jirrrizulta, kif ikkonfermat mis–socjeta intimata stess li t-tekniku inbaghat tlett darbiet ghand l-attrici, u dan sabiex possibilment id-diffikultajiet li kienu rrizultaw jigu solvuti.

Illi jirrizulta li d-diffikultajiet irriskontrati mill-attrici principalment huma in vista li s-sistema tar-reverse osmosis ma hijiex maghmmra b'pompa. Illi t-Tribunal jirrimarka li rigwardanti dan il-punt, l-partijiet jipprezentaw versjonijiet kuntrastanti. Dan ghaliex ix-xhud prodott mill-attrici jispjega li kieku gie offrut l-opzjoni tal-pompa, kienet tigi kkunsidrata.

Illi t-Tribunal jirrimarka li mill-atti jirrizulta li s-socjeta intimata minkejja li baghtet lit-tekniku fuq il-post ghal diversi drabi, ma ntlahqitx soluzzjoni bejn il-partijiet, u attwalment l-attrici ghandha sistema ta' reverse osmosis li ma tiffunzjonax kif suppost.

Illi t-Tribunal, wara li ṣema' lil partijiet jixhdu bił-gurament, u wara li ra l-affidavits u d-dokumenti ezebiti minn entrambi l-partijiet fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attrici fic-cirkustanzi tal-kaz, ghandha tigi akkolta, b'dan li s-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura s-somma ta' €270 (mitejn u sebghin ewro), lil attrici liema ammont huwa l-ammont rreklamat mill-attrici permezz ta' din l-istanza.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura s-somma ta' €270 (mitejn u sebghin ewro), lil attrici, b'dan li l-attrici ghandha tikkonsenja s-sistema tar-reverse osmosis hekk kif tircievi tali hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attrici ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru